MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 82/2004

**Maltacom Plc**

**Vs**

**Filippa Chircop**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas ta' Lm326.22c (tlett mija u sitta u ghoxrin lira Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu) rapprezentanti in kwantu ghall-ammont ta' Lm241.90c (mitejn u wiehed u erbghin lira Maltin u disghin centezmu) ma' servizz telefoniku li jgib in-numru 322520 u in kwantu ghall-ammont ta' Lm84.32c (erbgha u tmenin lira Maltin u tnejn u tletin centezmu) ma' servizz telefoniku li jgib in-numru 667694, liema servizz gie nstallat fil-fond 'Plymouth' Flat/5, Triq Testaferrata, Msida (CN228652/CN994556) skond diversi kontijiet mibghuta lilha.

Illi l-konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghall-hlas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali.

Ra li l-konvenuta baqghet kontumaci;

Sema' lill-Pl Noel Scerri jikkonferma li l-ammont ghadu dovut;

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jilqa' t-talba attrici kif kontenuti bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------